**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)**

**SENTENZA**

Każ Nru 15/2023

**Il-Pulizija**
(Spettur Bernard Charles Spiteri)

Vs

**Michael Emanuel Joseph Borg**
(K.I. 209800L)

Illum, 28 ta' Settembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-Akkużi miġjuba kontra **Michael Emanuel Joseph Borg**, ta' 37 sena, iben Charles u Jackie nee' Said, imwieled Crumpsall, Renju Unit, fl-20 ta' Frar 1986 u residenti "Seaside", Flat 2, Triq id-Duluri, Żebbuġ, Għawdex, detentur tal-karta tal-identità Maltija numru 209800L, u akkużat talli:

Nhar l-20 ta' Marzu 2023, għall-ħabta tad-9.30am u fil-ġranet ta' qabel, ġewwa Triq il-Wied, Żebbuġ, Għawdex, u/jew fil-Gżira ta' Għawdex, b'diversi atti magħmulin minnu li għalkemm fi żminijiet differenti qed jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda:

1. B'qerq għamit, biddilt jew falsifikajt xi flus jew qiegħdt fiċ-ċirkolazzjoni xi flus falsifikati li kont taf li huma falsifikati huwa tal-valuta Euro, li kont taf li hu falsifikat u dan bi ksurtal-artikolu 188B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, mingħajr awtorità legali importa, esporta, ittrasporta, xtara rċieva, kiseb jew kellu taħt il-kustodja jew il-pussess tiegħu flus falsifikati li kien jaf li huma falsifikati u dan bi skur tal-artikolu 188Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li fl-ewwel seduta li deher fiha l-akkużat, ossija dik tal-21 ta' Ġunju 2023 l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk irid, jerġa' lura minnha.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Rat illi f'dik l-istess seduta, il-Qorti ordnat illi jsir *pre-sentencing report* b'focus partikolari fuq il-kapaċitajiet intellettwali, soċjali u anke professjonali tal-ħati;

Rat illi fis-seduta tal-lum, l-uffiċjal tal-probation Joseph Mizzi preżenta l-*pre-sentencing report* fir-rigward tal-akkużat u li l-Qorti għaddiet sabiex tagħti s-sentenza llum stess;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi f'dan il-każ jirriżulta illi l-akkużat kien fil-pussess ta' karta waħda tal-għoxrin Ewro (€20) liema karta huwa pprova jsarrafha f'żewġ stabbilimenti, liema stabbilimenti nnotaw li l-karta kienet falza u għamlu r-rapport odjern. Illi meta ġie mitkellem, l-akkużat qal li għalkemm vera pprova jsarrafha, hu ma kienx jaf li din il-karta kienet falza. Qal li meta jingħata l-bqija tal-flus, ma jagħtix kashom u jaqbad u jpoġġihom fil-kartiera tiegħu.

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tiegħu, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti fl-ewwel lok tqis li l-ammont ta' flus falzifikati ma kienx wieħed konsiderevoli, filfatt huwa kellu fil-pussess tiegħu karta waħda ta' għoxrin ewro (€20).

Illi fit-tieni lok, mill-*pre-sentencing report* jirriżulta li l-akkużat għandu l-kondizzjoni tal-ADHD u anke l-awtiżmu u għandu żvilupp mentali baxx. Kellu trobbija tajba ħafna u ġie deskritt bħala li għandu qalbu tajba. Jirriżulta, madanakollu, li l-akkużat ġieli jkun impulsiv u diffiċli jikkontrolla l-emozjonijiet tiegħu. M'għandux problemi ta' dipendenza tossika u għandu xogħol fiss. Huwa ilu jiġi segwit minn diversi professjonisti, fosthom il-psikologu Dr. Nicholas Briffa u joqgħod għat-trattament mogħti mingħajr problemi. Huwa segwit ukoll mis-*social worker* Pauline Camilleri li qalet li dejjem iġib ruħu tajjeb f'okkażjonijiet soċjali.

Illi r-rakkomandazzjoni tal-uffiċjal tal-probation, ibbażata anke fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-professjonisti mitkellma hi li l-akkużat jingħata ordni ta' trattament bil-għan li jindirizza xi diffikultajiet li għandu u sabiex is-sitwazzjoni tiegħu ma taggravax.

Il-Qorti ma tara ebda raġuni għalfejn m'għandiex tadotta r-rakkomandazzjoni magħmulha mill-uffiċjal tal-probation, iżda tħoss li l-akkużat għandu wkoll jiġi segwit minn uffiċjal tal-probation sabiex il-Qorti tkun moħħha mistrieħ illi l-akkużat jibbenefika kemm jista' minn tali trattament u anke biex iservi ta' spalla għall-istess akkużat jekk ikollu bżonn jew iħoss li hemm xi diffikultajiet, biex dawn jiġu indirizzat fil-bidu tagħhom.

Illi finalment, l-akkużat ammetta t-twettiq ta' dawn ir-reati mal-ewwel u kkowopera bi sħiħ mal-Pulizija. Huwa ammetta wkoll fl-istadju bikri ta'dawn il-proċeduri.

F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti tqis li għandha żżomm bilanċ bejn il-gravità tar-reati mwettqa mill-akkużat u l-possibilità li jkompli jirriforma ruħu biex ikun kontributur lejn is-soċjetà.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 188B(1) u 188Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Michael Emanuel Joseph Borg <u>ħati</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u, wara li rat l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta qed tordna li l-ħati jitqiegħed taħt Ordni ta' Probation għall-perjodu ta' sentejn (2) snin mil-lum u dan skond il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet mogħti kontestwalment.

Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar li jinftiehem x'inhuma l-effetti tal-Ordni ta' Probation u tad-Digriet mogħti kontestwalment u li jekk jonqos milli jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel xi reat ieħor, huwa jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali li ġie akkużat bihom f'dan il-każ kif ukoll għal dawk ir-reati li tagħhom tkun instab ħati.

In oltre, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda wkoll tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-akkużat ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal perjodu ta' sentejn (2) dekorribbli mil-lum, u dan bil-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet mogħti kontestwalment ma' din is-sentenza;

Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-uffiċju tal-Probation and Parole.

**Ft. Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Joseph Grech**
**Deputat Reġistratur**